MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. GRAZIO MERCIECA

Seduta tat-18 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 138/2002

**G. Molton Co. Limited**

**vs**

**Joe Grima**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Is-socjeta' attrici qed titlob li l-konvenut jigi kundannat sabiex ihallasha s-somma ta' tlieta u sebghin lira u tlieta u hamsin centezmu (Lm73.53,0), liema somma hija dovuta:
(a) kwantu ghal Lm22.00,0 skond fattura datata 2 ta' Lulju 2001 (rif.: 013783);
(b) kwantu ghal Lm22.78,0 skond fattura datata 5 ta' Lulju 2001 (rif.: 013823);
dawn in konnessjoni ma' bejgh ta' merkanzija lill-konvenut, u
(c) kwantu ghal Lm28.75,0 skond fattura datata 21 ta' Gunju 2002 (rif.: 016413), bhala xoghol

amministrattiv in konnessjoni ma' l-irkupru tal-kreditu msemmi,
dan kollu skond kif jidher minn kopji ta' prospett u fatturi relattivi, hawn annessi u mmarkati bhala dok. "A" sa "D".

Bl-ispejjez tal-prezenti u ta' l-ittra nterpellatorja datata 14 ta' Awissu 2002 (kopja dok. "E"), u bl-imghaxijiet mid-dati ta' hrug tal-fatturi sad-data tal-pagament effettiv, ilkoll kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni tieghu."

Ra r-riferta posittiva mnejn jirrizulta li l-konvenut gie debitament notifikat fit-8 ta' Jannar 2003 izda la pprezenta risposta u lanqas deher ghas-seduti li nzammu mit-Tribunal fit-28 ta' Frar 2003, fis-6 ta' Marzu 2003 u dik tal-lum;

Sema d-deposizzjoni guramentata ta' Sandro Zammit, rapprezentant tas-socjeta' attrici li kkonferma li l-ammont kif pretiz fl-avviz tat-talba ghadu dovut u ra d-dokumenti esibiti;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk jikkundanna lill-konvenut ghall-hlas ta' LM73.53c bl-imghax legali mid-data tal-hrug tal-fatturi msemmija fl-avviz tat-talba sad-data tal-effettiv pagament, bl-ispejjez, inkluz dik tal-ittra interpellatorja tal-14 ta' Awissu 2002 a kariku tal-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------